# Iċ-Ċajta




Kien il-Ħadd waranofsinhar. Il-familja Vella kienet miġbura għall-ikla ta' nofsinhar. Il-mamà kienet sajret ross il-forn. F'din il-familja kien hemm tlett itfal. Dawn kien jisimhom Leli, Rita u Mario. Leli u Rita tgħidx kemm kienu mqarbin.

Wara li kielu kien imiss lil Mario biex jaħsel il-platti. Mario qabad il-platti, il-frieket u s-skieken u beda jaħsilhom.

WARA, RITA U LELI TELGĦU FUQ INKISS INKISS. LELI MAR IĠIB LIŻAR ABJAD MILL-KAMRA TAL-MAMÀ. RITA MARRET IĠĠIB L-IMQASS U QATGĦET ŻEWĠ TOQBIET KBAR FIL-LIŻAR.

IT-TFAL NIŻLU ISFEL INKISS INKISS U MARRU JISTAĦBEW WARA L-PURTIERA TAS-SALOTT. LELI LIBES IL-LIŻAR TAPARSI FATAT. WAQT LI MARIO KIEN ĠEJ BIL-PLATTI, LELI ĦAREĠ MINN WARA L-PURTIERA U TA QATGĦA LIL MARIO. MARIO BIL-QATGĦA LI ĦA SPIĊĊA WAQQA' L-PLATTI KOLLHA!

IĊ-ĊAJTA SPIĊĊAT BILLI MARIO SPIĊĊA ĦAŻIN GĦAX QATA' SIEQU. OMM IT-TFAL TGĦIDX KEMM WERŻQET XĦIN INDUNAT X'KIEN ĠARA U LIL RITA U LIL LELI TATHOM KASTIG LI JAĦSLU D-DAR KOLLHA MINN FUQ S'ISFEL!

MATTHEW PORTELLI – 8 SNIN – IR-RABA' SENA –

L-ISKOLA PRIMARJA TAL-IMQABBA